**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Neville Mercieca]**

**vs**

**Maxime Tarraso**

**Kumpilazzjoni Numru: 717/2015**

**Illum, 1 ta' Settembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Maxime Tarraso detentur tal-passaport Franciz Nru 13AZ45708.

Akkuzat talli fit-30 ta' Awwissu 2015, ghall-habta tas-18:45hrs mir-residenza 31, Triq Tigne, Sliema, u f'dawn il-Gzejjer:

> Ikkommetta serq ta' computer (Laptop) Apple Macbook Air serial number C02NFOYHG083 ghad-dannu ta' Fatoumata Tidiana Kiota b'vaur ta' €900, u Asus (Laptop) serial number DBN0CX002725488 b'valur ta' €700 ghad-dannu ta' Caroline Le Roux, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok.

Rat illi l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuza kif dedotta kontrih;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Semghet il-provi kollha.

Din il-kawza tistrieh fuq zewg verzjonijiet, min-naha wahda tal-parte civile Caroline Le Roux u Fatoumata Tidiana Kiota u min-naha l-ohra tal-imputata Maxime Torraso.

Illi l-verzjoni tal-parte civile li l-imputat hadilhom il-laptops minghajr il-kunsens taghhom ftit li xejn taghmel sens u dan ghaliex l-imputat kien habib sew taghhom u oggettivament ma kienx jaghmel sens li huwa jiehu l-laptops tal-ex mahbuba tieghu.

Il-verzjoni tal-imputat li din kienet vendikazzjoni principarjament mill-parte civile Caroline Le Roux li riedet tivvendika ruhha minnu talli ma riedx ikompli r-relazzjoni taghmel aktar sens u l-verzjoni bil-gurament tal-imputat; li wara kollox kienet l-istess wahda li kien ta *a tempo vergine*; hija aktar kredibbli fejn l-istess imputat ta elenku dettaljat tal-avvenimenti li kienu graw meta huwa kien jirrisjedi go Malta ma' shabu u l-istess parte civile.

Illi ghalhemm, il-Qorti thoss li ghandha temmen il-verzjoni tal-imputat u ghalhekk ma ssibx lill-imputat Maxime Torraso hati tal-akkuza kif dedotta kontrih.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**